REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 692/2009

tat-30 ta' Lulju 2009

li jniedi reviżjoni ta' "esportatur ġdid" tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1001/2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir ta' tubi u pajpijiet li joriġinaw, fost l-oħrajn, fil-Malażja, u li jirrevokaw id-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet minn esportatur wieħed f'dan il-pajjiż u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IT-TALBA GHAL REVIŻJONI

(1) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal reviżjoni ta' "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. L-applikazzjoni ntbagħtet minn Pantech Steel Industries SDN. BHD. ("l-applikant"), produttur esportatur fil-Malażja ("il-pajjiż ikkonċernat").

B. IL-PRODOTT

(2) Il-prodott taħt reviżjoni huwa tagħmir ta' tubi u pajpijiet (minbarra tagħmir tal-ħadid fondut, flanġijiet u tagħmir bil-kamin), tal-ħadid jew l-azzar (ma jinkludix l-istainless steel) bl-akbar dijametru ta' barra li ma jaqbiżx is-609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-issaldjar jew finijiet oħra, li joriġina mill-Malażja ("il-prodott ikkonċernat") li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19, ex 7307 99 30 u ex 7307 99 90.

C. IL-MIŻURI EŻISTENTI

(3) Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1001/2008 [2] li skontu l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-Malażja, inkluż il-prodott ikkonċernat prodott mill-applikant, huma suġġetti għal dazju anti-dumping definittiv ta' 75 % bl-eċċezzjoni ta' kumpanija waħda msemmija b'mod espliċitu li hija suġġetta għal rata ta' dazju individwali.

D. IL-BAŻI GHAR-REVIŻJONI

(4) L-applikant jallega li hu ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni li l-miżuri anti-dumping kienu bbażati fuqu, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' April 2000 sal-31 ta' Marzu 2001 ("il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali") u li mhu relatat mal-ebda produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat li huma suġġetti għall-miżuri anti-dumping imsemmija hawn fuq.

(5) Barra minn hekk l-applikant jallega li huwa daħal f'obbligi kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta l-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità fil-futur qrib.

E. IL-PROĊEDURA

(6) Il-produtturi Komunitarji magħrufin li huma kkonċernati ġew mgħarrfa bl-applikazzjoni ta' hawn fuq u ngħataw l-opportunità biex jikkummentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.

(7) Wara li eżaminat l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni ta' "esportatur ġdid", skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, bil-ħsieb li tiddetermina l-marġini individwali ta' dumping tal-applikant u, jekk jinstab xi dumping, il-livell ta' dazju li l-importazzjonijiet tagħhom tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità għandhom ikunu suġġetti għalih.

(8) Jekk ikun iddeterminat li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit dazju individwali, jista' jkun hemm bżonn li tiġi emendata r-rata ta' dazju applikabbli bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-kumpaniji mhux imsemmija individwalment fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1001/2008.

(a) Il-kwestjonarji

Biex tkun tista' tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant.

(b) Il-ġbir tat-tagħrif u s-smigħ ta' seduti

Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, dejjem jekk jagħmlu talba bil-miktub li turi li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 275, 16.10.2008, p. 1.

Qed tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku tiddependi minn jekk il-partijiet jippreżentawx ruħhom matul il-perjodu stipulat minn dan ir-Regolament.

F. **IR-REVOKA TAD-DAZJU FIS-SEHH U R-REĠISTRAZZJONI TAL-IMPORTAZZJONIJIET**

(9) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping fis-seħħ għandu jiġi rrevokat fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jkunu prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mill-applikant. Fl-istess waqt, dawn l-importazzjonijiet għandhom isiru suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, sabiex jiġi żgurat li, jekk ir-riżultat tar-reviżjoni juri sejba ta' dumping fir-rigward tal-applikant, id-dazji anti-dumping ikunu jistgħu jiġu imposti retroattivament mid-data tal-bidu ta' din ir-reviżjoni. L-ammont li l-applikant jista' jkun responsabbli għalih fil-futur ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-proċediment.

G. **IL-LIMITI TA' ŻMIEN**

(10) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien li matulhom:

(a) il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa 8(a) ta' dan ir-Regolament jew jipprovdu kwalunkwe tagħrif ieħor li għandu jitqies matul l-investigazzjoni,

(b) il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(11) F'każijiet fejn kwalunkwe parti interessata tirrifjuta l-aċċess għat-tagħrif meħtieġ jew ma tipprovdihx fil-limiti ta' żmien jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(12) Fejn jinstab li kwalunkwe parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jitwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli, b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment, u r-riżultati għalhekk ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

I. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(13) Ta' min jinnota li kwalunkwe dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta [1].

J. **L-UFFIĊJAL GĦAS-SEDUTI**

(14) Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-seduti tad-DĠ Trade. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn meħtieġ, medjazzjoni fi kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'din l-investigazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament ta' preżentazzjoni tal-fehmiet orali u/jew bil-miktub. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni elettroniċi tal-Uffiċjal għas-Seduti fuq il-websajt tad-DĠ Trade (http://ec.europa.eu/trade),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għaldaqstant qiegħda tinbeda reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1001/2008 skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 sabiex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt l-importazzjonijiet ta' tagħmir ta' tubi u pajpijiet (minbarra tagħmir tal-ħadid fondut, flanġijiet u tagħmir bil-kamin), tal-ħadid jew l-azzar (ma jinkludix l-istainless steel) bl-akbar dijametru ta' barra li ma jaqbiżx is-609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-issaldjar jew finijiet oħra, li joriġina mill-Malażja li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19, ex 7307 99 30 u ex 7307 99 90, prodott u mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità minn Pantech Steel Industries SDN. BHD. (kodiċi addizzjonali TARIC A 961) għandu jkun suġġett għad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1001/2008.

Artikolu 2

Id-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1001/2008 huwa b'dan imħassar fir-rigward tal-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

1. Biex jitqiesu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom matul l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa 8(a) ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe tagħrif ieħor, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, fi żmien 40 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien l-istess limitu ta' 40 jum.

2. Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux f'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull sottomissjoni bil-miktub, li tinkludi l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun immarkata bħala "*Ristretta*" [1] u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 384/96, għandha tkun akkumpanjata minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li tkun immarkata "*Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati*".

Kwalunkwe tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni u/jew kwalunkwe talba għal seduta għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Uffiċċju: N105 4/92
B-1049 Brussell
BELGIUM
Faks +32 2295 65 05

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Catherine ASHTON
Membru tal-Kummissjoni

[1] Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Il-Ftehim Anti-dumping).